

Motivi u argumenti prinċipali

- 1) Ksur tal-prinċipju tad-dritt għal smiġh xieraq f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni ta' l-allegata parteċipazzjoni fl-aqgħat speċifiċi ta' akkordju fis-suq Spanjol u parteċipazzjoni f'akkordju Ewropew.
- 2) Ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-ksur allegatament imwettaq permezz ta' prova indizzjarja.
- 3) Ksur tad-dritt Komunitarju f'dak li jirrigwarda n-natura sproporzjonata u inġusta tal-multa fir-rigward tal-gravità, tal-kalkolu u ta' l-applikazzjoni ta' attenwanti u n-nuqqas ta' motivi ta' l-evalwazzjoni ta' xi attenwanti.
- 4) Ksur tad-dritt għal smiġh xieraq f'perijodu ta' żmien raġonevoli.

(¹) ĠU 2004, L 115, p. 1.

Rikors imressaq fil-25 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana**(Kawża C-347/07)**

(2007/C 223/09)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: C. Cattabriga, aġent)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet

— tiddeċiedi li billi r-Repubblika Taljana m'adottatx id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi meh-tieġa biex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/41/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li tirrevoka ċerti direttivi rigward iġene ta' l-ikel u kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u sabiex ikun mqiegħda fis-suq ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali intżi li għall-konsum mill-bniedem u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE (²) u 92/118/KEE (³) u Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 95/408/KE (⁴), jew billi ma nnotifikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, hija naqset li twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva.

— tordna lir-Repubblika Taljana tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/41/KE skada fl-1 ta' Jannar 2006.

(¹) ĠU L 157, p. 33.

(²) ĠU L 395, p. 13.

(³) ĠU L 62, p. 49.

(⁴) ĠU L 243, p. 17.

Rikors imressaq fit-2 ta' Awwissu 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana**(Kawża C-368/07)**

(2007/C 223/10)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan***Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: K. Simonsson, E. Montaguti, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet

— tikkonstata li, peress li ma żviluppax u ma adottatx pjan għall-akkoljenza u t-tqandil ta' l-iskart għal kull port Taljan, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 5(1) u 16(1) tad-Direttiva 2000/59/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2000, dwar il-faċilitajiet ta' l-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija;

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fit-28 ta' Diċembru 2002.

(¹) ĠU L 332, p. 81.